MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Numru. 86/2007

IL-PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
KARMENU BALDACCHINO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Karmenu Baldacchino, ta’ 69 sena, iben Antonio u Ganna nee’ Cini, imwieled Hal Qormi fil-21 ta’ Mejju 1937, residenti ‘143’, Triq l-Imdina, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 375837(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-21 ta’ Novembru 2006 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:

1) Permezz tal-kitba ingurja jew hedded lil Onor Imhallef Noel Cuschieri LL.D. waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu nkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fid-dmirijiet

tal-kariga tieghu, meta l-iskop ta’ l-ingurja kien li jtellef jew li jnaqqas il-gieh ta’ l-istess Imhallef, bi ksur ta’ l-Artikolu 93 (1) u (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Bil-hsieb li jtellef jew li jnaqqas il-gieh ta’ l-Onor Imhallef Noel Cuschieri LL.D. wegga’ lill-istess Imhallef bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor, bi ksur ta’ l-Artikolu 252 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) Ta fastidju lil Onor Imhallef Noel Cuschieri LL.D. b’mod li kien jaf jew li missu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet tammonta ghal fastidju, bi ksur ta’ l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-imputat inghata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Fil-kaz in ezami, l-imputat ammetta l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu. Il-fatti spece tal-kaz juru illi l-Imhallef Noel Cuschieri kien ta sentenza fis-27 ta’ Mejju, 2005 kontra t-tfal ta’ l-imputat rigwardanti danni subiti mid-Direttur Generali ta’ l-Avjazzjoni Civili minhabba qtugh ta’ *cables* da parti tal-konvenuti, ulied l-imputat. In segwitu ta’ din il-kawza, precizament f’Novembru tat-2006, l-imputat baghat ittra, Dok.GA2 lill-Imhallef Cuschieri fejn insultah li kien qarrieq u li kien “qaqocca” tal-Pulizija u mad-Direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili. Di piu’, fl-istess ittra, l-imputat talab lill-Imhallef fi zmien tlett ijiem jisma’ l-provi tieghu.

Illi fix-xhieda tieghu l-imputat stqarr illi t-tfal tieghu diga’ kienu gew liberati mill-kawza kriminali fuq l-istess akkuzi u

ghaldaqstant hass ruhu aggravat hafna bid-decizjoni ndikata. Xhed ukoll illi dak iz-zmien huwa kien gie rikoverat fl-isptar ghal perijodu konsiderevoli minhabba attack fil-qalb u operazzjoni fl-istonku. Xhed ukoll illi t-tfal tieghu ma kienux intavolaw appell minn tali decizjoni il-ghaliex ma kellhomx fondi sabiex jaghmlu dan u ma tghallbuhx minhabba illi dak iz-zmien huwa kien l-isptar u dana sabiex ma jinkwetawhx.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi b'assorbiment a fini ta' piena tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza fl-ewwel (1) akkuza u wara li rat Artikoli 93(1) (2), 252 (1), 251A, 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena flimkien ma' multa ta' mitt euro (€100).

Din il-piena giet akkordata in vista ta' l-ammissjoni bikrija, l-eta' avvanzata ta' l-imputat u c-cirkustanzi kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------